**14 ta' April, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Gaetano Mizzi

*versus*

Joseph Dalli

## Artikolu 441 (1) (2) tal-Kodiċi Ċivili - Miżiep

*Miżiep ma jistax b'xi mod jitqies li hu xi "kanna ta' l-ilma" jew xi "katusa tad-drenaġġ" u konsegwentement mhux il-każ li kellhom jiġu osservati xi distanzi legali kif titlob il-liġi stess fil-każi approprji.*

*Lanqas huwa meħtieġ li tinżamm id-distanza msemmija fl-artikolu 441 (1) meta jintużaw katusi li minnhom ma jistax jidħol umdu fil-ħajt jew meta jiġu użati mezzi oħra li ma jħallux jgħaddi dan l-umdu.*

*Dak li l-liġi trid tipprevjeni hu li ġâr jarreka molestja biss meta tkun gravi lil ġâr ieħor. Jekk il-molestja tkun derivanti minn allegat abbuż ta' bon viċinat, il-viċin jista' jaġixxi fuq molestja biss meta tkun gravi u mhux faċilment tollerabbli.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni fl-ismijiet premessi l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut għandu kanna ta' l-ilma mwaħħla fil-ħajt tal-verandah ta' fuq it-triq tal-fond tiegħu bl-isem "Mon Cheri", Triq Bettina, il-Gudja, liema fond huwa kontigwu għall-fond bl-isem "Venus", fl-imsemmija triq appartenenti lill-attur u li l-kanna ta' l-ilma fuq imsemmija tinsab hekk imwaħħla bi ksur tal-liġi u inoltre hija ta' dannu u ta' inkonvenjent għall-attur, talab l-istess attur li din il-Qorti prevja d-dikjarazzjoni li l-kanna ta' l-ilma eżistenti fil-ħajt tal-fond tal-konvenut hawn fuq imsemmija hija kontra l-liġi u inoltre qiegħda tikkaġuna dannu u inkonvenjent lill-attur, okkorendo bl-opera ta' perit *nominand*, tikkundanna lill-konvenut biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss għal dan l-iskop, jirrimuovi l-istess kanna ta' l-ilma u fin-nuqqas li jagħmel dan fiż-żmien lilu mogħti li l-attur jiġi awtorizzat jesegwixxi dak kollu meħtieġ biex tiġi rimossa l-imsemmija kanna kif dirett mill-perit tekniku a spejjeż ta' l-istess konvenut;

Il-konvenut eċċepixxa li huwa qed juża u jgawdi l-proprjetà tiegħu fil-parametri permessi mil-liġi, illi l-miżiep li l-attur isejjaħ kanna ta' xi erba' pulzieri li hu waħħal mal-verandah jinsab esklussivament fil-proprjetà tal-konvenut u mhu qed jilledi ebda drittijiet ta' l-attur kif ukoll illi l-miżiep in kwistjoni mhu qed jarreka ebda danni lill-attur;

B'sentenza tal-25 ta' Mejju, 1994 l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi għar-raġunijiet minnha mogħtija ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu;

L-attur ħass ruħu aggravat bis-sentenza mogħtija kif jingħad hawn fuq u għalhekk b'nota ta' appell tat-2 ta' Ġunju, 1994 interpona umili appell minnha quddiem din il-Qorti ta' l-Appell fuq l-aggravju segwenti:

L-Ewwel Qorti ddeċidiet li tadotta l-konklużjonijiet peritali u tagħmilhom tagħha, wara ukoll illi ħadet konjizzjoni ta' verbal magħmul fl-udjenza tad-29 ta' April, 1994 li permezz tiegħu l-partijiet iddikjaraw illi l-miżiep in kwistjoni huwa ta' materjal mhux poruż. L-esponent però jissottometti bir-rispett illi r-riżultanzi fattwali f'din il-kawża kellhom iwasslu għall-konklużjonijiet xort'oħra u ċjoè li jiġu akkolti t-talbiet attriċi għar-raġunijiet segwenti:

Fin-nota ta' kritika li saret mill-appellant għar-rapport peritali ġew rilevati konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-istess perit tekniku f'paġna 11 tar-rapport (paragrafu 10) u f'paġna 14 (paragrafu 6) kif ġej:

"... ikkostata li l-ilma li niżel mill-miżiep tal-konvenut kien ikkawża tixrib fil-ħajt diviżorju waqt li parti mill-ħajt estern ta' l-attur kien juri traċċi ta' tagħtin jew tbajja ta' l-ilma sa distanza ta' pied 'il ġewwa mill-wiċċ tan-naħa ta' l-attur tal-

ħajt diviżorju";

"... il-faċċata tal-fond ta' l-attur fil-parti t'isfel tagħha xxarbet";

Wieħed bir-rispett ma jifhimx għaliex, preċiżamnent, minħabba l-kanna jew miżiep in kwistjoni li hi kif inhi u hi fejn hi, għandu jkun permess li jixxarrab jew jittebba' l-ħajt ta' faċċatat ta' bini ġdid kif huwa dak ta' l-esponent u dan indipendentement minn jekk l-ilma tax-xita jilħaqx il-faċċata jew le. X'jiġri minħabba l-operat tan-natura billi l-Mulej jogħġbu minn żmien għall-ieħor jibgħat ix-xita, kif ġie osservat mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa kjarament irrilevanti f'dan il-kuntest, għaliex altrimenti wieħed jaf jarroga għalih innifsu drittijiet u tipi ta' komportament u jsejħilhom legali bil-ġustifikazzjoni li wara kollox qed jemula lin-natura;

Illi però ukoll, dejjem fir-rigward ta' dannu jew ħsara li minnu l-attur appellant qed jillamenta, l-istess attur u martu fil-kors tax-xhieda tagħhom jgħidu li mill-kanna jew miżiep in kwistjoni jinżel l-ilma tal-ħasil. Kien għalhekk illi mart il-konvenut kif jidher mir-riżultanzi ddikjarat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li mhux ser titfa' ilma maħmuġ għal barra mill-fond tagħhom, hawnhekk qed issir referenza għall-konstatazzjoni li għamel il-perit tekniku (paġna 9 tar-rapport) fis-sens illi "l-art tal-verandah tal-konvenut hija llastrikata bil-madum tal-mużajk, li jaqleb lejn il-miżiep";

Fid-dawl tas-suespost qed jiġi sottomess illi ma saritx applikazzjoni korretta tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 441 tal-Kodiċi Ċivili. Dan anke peress illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx ma ssibx bl-applikazzjoni ta' l-istess artikolu 441 (3) illi qiegħda ssir il-"ħsarra lill-ġar" bit-tixrib jew tbajjà ta' l-ilma

kkawżati fil-faċċata tal-fond ta' l-esponent minħabba d-distanza ta' seba' pulżieri li ħalla l-konvenut bejn il-miżiep u l-wiċċ tal-ħajt diviżorju;

Illi però l-lanjanza ta' l-attur mhijiex limitata għad-dannu jew ħsara kkawżati fis-sens restrittiv tal-kliem dannu jew ħsara. Kif jidher ukoll miċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-esponent, huwa jsostni li bil-miżiep tal-konvenut huwa qed isofri inkonvenjent li mhux ġustifikat fiċ-ċirkostanzi u li f'kull każ seta' jiġi evitat bl-eżerċizzju da parti tal-konvenut tar-raġonevolezza u l-prudenza li huma ddettati anke mis-sens tal-bonviċinat. Mela meta l-perit tekniku żvojta barmil ilma ta' xi ħmistax-il litru fil-verandah tal-konvenut, ikkonstata li l-ilma li niżel mill-miżiep kien ikkawża tixrib fil-ħajt diviżorju. Għaliex għandu jkun konċess li jiġu ttollerati t-txirib u t-taqtir ta' l-ilma, sew tax-xita u aktar tal-ħasil, b'dan il-mod meta l-prudenza minima waħedha kellha twassal lill-konvenut biex ma jwaħħalx il-miżiep tiegħu fid-distanza rraġonevoli ta' seba' pulzieri mill-ħajt diviżorju?

Jingħad rispettożament illi dan l-aspett tal-kwistjoni ma ġie kkunsidrat xejn mill-Ewwel Qorti u taħt dan l-aspett ukoll l-appellant jissottometti li s-sentenza mogħtija kienet erronea;

*Omissis*;

Il-konvenut appellat fil-meritu wieġeb illi:

Iż-żewġ raġunijiet li fuqu hawn hbażat l-appell ta' l-attur huma l-istess żewġ raġunijiet li ġew sottomessi, ittrattati u deċiżi quddiem l-Ewwel Qorti u ċjoè;

Il-miżiep huwa ta' dannu u inkonvenjent għall-attur; u

Il-miżiep jinsab imwaħħal bi ksur tal-liġi;

L-appellat a skans ta' ripetizzjoni, għamel referenza għall-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti li fil-qosor tgħid:

L-użu tal-miżiep huwa marbut max-xita. U biex jidħol ilma fil-gallarija msaqqfa ta' l-appellat, ix-xita trid tkun nieżla mill-faċċata. L-assurdità ta' l-allegazzjoni ta' l-appellanti toħroġ waħeda. Biex l-ilma tax-xita jitferrà mill-miżiep il-faċċata ta' l-attur ġà tkun imxarrba għasra. Il-miżiep iferrà fuq il-bankina (u mhux fuq il-faċċata) u l-perit tekniku kkonstata illi meta l-ilma joħroġ mill-miżiep, jaqa' fuq il-bankina u jisplaxxja u jtiru "xi traċċi ta' taqtir" fuq il-faċċata;

Il-kawża kriminali (l-esponenti jħoss illi proċeduralment lanqas setgħet issir referenza għaliha) kienet dwar ilma li ħareġ mill-katusa li mill-bitħa tal-konvenuti tagħti għal ġot-triq. Mart l-appellat qatt ma ammettiet din il-kawża u infatti kkontestat din il-kawża;

L-appellanti qed jinvoka l-artikolu 441 tal-Kodiċi Ċivili in sostenn tat-teżi tiegħu. Ġie stabbilit illi l-miżiep huwa tal-platik (u għalhekk mhux magħmul minn materjal li minnu jgħaddi l-umdu). Ġie stabbilit ukoll illi dan il-miżiep mhux katusa li dwarha jitkellem l-artikolu 441 (1). Fuq kollox ġie stabbilit li mhux jagħmel ħsara lill-ġâr. Għalhekk dan l-artikolu tal-liġi ma japplikax għall-każ in eżami;

Din il-kawża hija l-frott ta' pika bejn żewġ ġirien kemm għaliex jirriżulta ampjament illi l-attur mhu qed iġarrab ebda ħsara u kemm għaliex kieku qed isofru xi ħsara l-attur ma kienx ser iħalli għaxar jew ħdax-il sena biex jaġixxi;

Għal dawn il-motivi l-appellat jissottometti illi l-appell għandu jiġi miċħud - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellanti;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Iċ-ċitazzjoni ta' l-attur appellant hija intiża għat-tneħħija ta' miżiep li jinsab fil-proprjetà ta' l-appellat però qrib ħafna tal-proprjetà tiegħu u dan għal żewġ raġunijiet, jiġifieri:

Li dan il-miżiep - li l-attur erronjament jiddeskrivi bħala "kanna ta' l-ilma" fl-att taċ-ċitazzjoni - huwa magħmul kontra l-liġi bi ksur ta' l-artikolu 441 tal-Kap. 16; u

Li l-imsemmi miżiep qed jikkaġuna dannu u inkonvenjent lill-appellant, ġâr tiegħu;

Illi kif ġà ingħad <u>supra</u> fil-parti preliminari, kemm il-perit tekniku nnominat mill-Qorti kif ukoll l-Ewwel Qorti li ddeċidiet il-kawża la kkostataw li kien hemm ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi u lanqas li bħala fatt hemm id-dannu u l-inkonvenjent allegati mill-appellant fiċ-ċitazzjoni minnu ppreżentata;

Illi dwar l-aggravji ta' l-appellant ma jirriżulta xejn "ġdid" fis-sens li ma ġiex ġà sottomess u ddeliberat mill-Ewwel Qorti. L-ilment ta' l-appellant huwa illi li kieku l-perit ġudizzjarju nnifsu u warajh l-Ewwel Qorti qagħdu aktar attenti għal dak li ġie kkostat waqt l-aċċess u li ħareġ mill-provi prodotti, allura d-domandi attriċi kelhom jiġu milqugħa minflok respinti;

Ikkunsidrat li fir-rigward ta' l-aspett legali tal-vertenza ma

jirriżultax li l-miżiep jista' b'xi mod jitqies li hu xi "kanna ta' l-ilma" jew xi "katusa tad-drenaġġ" u konsegwentement mhux il-każ li kellhom jiġu osservati xi distanzi legali kif invece titlob u tesiġi l-istess liġi fil-każi approprji. Minbarra dan il-pajp tal-plastika *de quo* jirriżulta li jinsab kompletament fil-proprjetà ta' l-appellat. Anzi, kif tajjeb ġie osservat mill-Ewwel Qorti, l-artikolu 441 (2) jgħid li lanqas huwa meħtieġ li tinżamm id-distanza msemmija fl-artikolu 441 (1) tal-Kap. 16 meta jintuzaw katusi (hawn lanqas si tratta ta' katusa) li minnhom ma jistax jidħol umdu fil-ħajt jew meta jiġu użati mezzi oħra li ma jħallux jgħaddi dan l-umdu;

*Omissis*;

Fil-petizzjoni tiegħu l-appellant baqa' jsostni li f'kull każ il-miżiep kien qiegħed jirreka danni u kien qed joħloq inkonvenjent bi ksur ta' l-artikolu 441 (3) tal-Kap. 16 u li dan l-aspett ta' l-ħekk imsejħa *molestia di fatto* ġie ssorvolat jew skartat mill-Ewwel Qorti;

Illi għalkemm huwa minnu li l-perit ġudizzjarju jsemmi tixrib fil-ħajt ta' l-appellant, però għandu jingħad li l-istess perit ikkonduċa esperimenti appożiti fuq is-sit bi xħit ta' bramel ta' l-ilma biex jikkostata *de visu* x'dannu jew inkonvenjent seta' kien hemm lill-appellant fil-proprjetà tiegħu, adjaċenti għal dik ta' l-appellat, u kif l-istess appellant baqa' jallega. Jirriżulta li minn dawn l-esperimenti deħru biss xi traċċi ta' ċarċir ta' ilma li l-istess perit ma deherlux li kienu sinifikanti. Meta jirriżulta allura tali stat ta' fatt ċertament ma jidhirx li dan il-każ jista' jitqies bħala *molestia di fatto* kif jippretendi l-appellant. Dak illi l-liġi trid tipprevjeni hu li ġar jarreka molestja biss meta tkun <u>gravi</u> lil ġar ieħor (ara **Ferro** *vs* **Borg** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Koll. Vol. XVII (B) - II- 35). Illi jekk imbagħad il-molestja tkun derivanti minn allegat abbuż ta' bon viċinat, il-

viċin jista' jaġġixxi fuq molestja **biss meta tkun gravi u mhux faċilment tollerabbli** (ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, mogħtija fil-21 ta' April, 1961 fil-kawża fl-ismijiet **Guseppe Caruana** *vs* **Antonio Zammit**). Jekk wieħed jifli sew dak li in ultima analiżi rriżulta lill-perit ġudizzjarju għandu jsib li molestja gravi ma teżistix. Għandu jitqies ukoll il-fatt li dan il-miżiep ilu snin jeżisti fejn qiegħed illum u li kien pre-eżistenti għad-data meta l-appellant daħal jokkupa l-fond tiegħu, anke jekk mhux b'ħafna tul ta' żmien. Kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Bugeja** *vs* **Washington** *et*, Appell Ċivili deċiż il-5 ta' Mejju, 1897;

"*Per misurare la gravità della molestia devesi riguardare non solamente alla natura ma anche alla posizione e situazione dei fondi ed alla anteriorità del possesso*";

Illi li kieku ma hemmx sfog għall-ilma, allura jista' jissuċċiedi dak li l-liġi ma tridx, jiġifieri li ssir ħsara fil-post tal-ġâr. Il-pajp *de quo* imqar jekk qiegħed viċin ferm tal-proprjetà ta' l-attur huwa proprju intiż biex jitfa' 'l barra kull ilma li jista' jinġabar fis-setaħ jew veranda ta' l-appellat. Haġa naturali li jekk tagħmel ix-xita, ser jinġema' ilma li jkollu jgħaddi minn dan il-miżiep u jibqa' sejjer 'il barra fit-triq. Jekk minn dan il-miżiep jgħaddi ilma jew xi likwidu ieħor li jista' jarreka dannu lill-appellant allura tali molestja hija ta' indole kontravenzjonali u li għaliha hemm proċedura distinta. Fil-fatt l-appellant jidher li ġà ħa tali passi fl-imgħoddi però l-każ in diżamina huwa divers. Ma jirriżultax li l-miżiep in kwistjoni qiegħed jikkostitwixxi dik il-molestja la ta' dritt u lanqas ta' fatt li hemm ikkontemplata fil-liġi ċivili kif pretiż mill-appellant. Din il-Qorti jidhrilha li dak li kkostatata u rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza appellata huwa ġust u korrett;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikonferma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Mejju, 1994 tiċħad l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.